TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Pauline Agius**

**Vs**

**Davide Cadelano Woodworks,**
**Davide Cadelano u Antonio Cadelano**

CCT 13/23/CC

Illum 30 ta' Mejju 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fid-19 ta' Jannar 2023, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €2,500 (elfejn u havets mitt ewro) rapprezentanti depozitu mhallas minnha lil intimati, rigwardanti ordni ta' ghamara, senjatament kamra tas-sodda, liema ghamara qatt ma giet ikkonsenjata lir-rikorrenti.

Ra li l-intimati debitament notifikati bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentaw l-ebda risposta, u ma deher hadd fis-seduta skedata ghal provi kollha tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti tixhed bil-gurament fis-seduta tal-11 ta' April 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li r-rikorrenti f'Novembru 2022 ordnat kamra tas-sodda minghand l-intimat Davide Cadelano, ezercenti fin-negozju bhala 'Dadive Cadelano Woodworks', u gie effetwat depozitu fl-ammont ta' €2,500 (elfejn u hames mitt ewro). Jirrizulta li skond il-ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, l-ghamara ordnata kellha tkunu lesta sa' mija u ghoxrin jum tax-xoghol mid-data ta' l-ordni. F'Marzu 2022 ir-rikorrenti kkuntatjat lil Cadelano, fejn jirrizulta li huwa ma pprovdiex informazzjoni konkreta rigward l-ordni tar-rikorrenti. Segwew diversi skambji bejn il-partijiet fejn ir-rikorrenti talbet ir-rifuzjoni tad-depozitu mhallas minnha. Jirrizulta li r-rikorrenti baghtet ukoll ittra legali ghar-rifuzjoni ta'l-istess depozitu.

Illi jirrizulta li f'Ottubru 2022 ir-rikorrenti eccediet fil-garaxx ta' l-intimat, fejn l-intimat Antonio Cadelano informa lir-rikorrenti li kien ser jiehu hsieb l-ordni taghha, u l-ghamara ordnata kellha tkun kompluta sa l-10 ta' Dicembru 2022. Illi jirrizulta li ghal darb'ohra din id-data ma' gietx onorata, u l-ordni tar-rikorrenti baqghet ma gietx ezegwita. Konsegwentement, ir-rikorrent kellha tirrikorri ghal din il-procedura, sabiex jigi rifuz id-depozitu imhallas minnha.

Illi fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet, ma deher hadd mill-intimati, u ma giet intavolata l-ebda risposta mill-istess intimati, u ghalhekk il-versjoni pprezentata mir-rikorrenti ma hija bl-ebda mod kontradetta.

Illi inoltre t-Tribunal jinnota ulterjorment d-dokumentazzjoni dettaljata pprezentata mir-rikorrenti, fejn il-versjoni tal-fatti tar-rikorrent hija ikkorraborata min tali dokumentazzjoni.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielha tipprova l-istanza taghha sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnha ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lil intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta' €2,500 (elfejn u hames mitt ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimati.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru